# IL-BERĠA TA' L-ITALJA FI ŻMIEN L-INGLIŻI

Wara li l-Franċiżi rħew l-Ibliet u Malta għaddiet għal taħt il-Ħakma Ngliża, il-Militar ħa l-Bereġ ta' l-Ordni kollha taħt idejh. X'uħud minn dawn il-Bereġ ġew magħmula kwartieri għas-Suldati jew għall-Fizzjali, u oħrajn hejjewhom bħala Sptar biex fihom jilqgħu s-Suldati morda. Iżda waħda minn dawk il-Bereġ, dik ta' l-Alemanja, ġiet mogħtija lin-Naval. Dan fiha għamel l-Imtieħen u l-Ifran għal ħtieġa tan-nies tiegħu (1).

Fl-"Archivio Storico di Malta" (Vol. I, pag. 302), is-sur Ġużê Darmanin Demajo qal, li l-Berġa ta' l-Italja, fl-1800, ġiet imħollija għas-Suldati morda, għal dawk il-morda li jkunu ġejjin għat-tajjeb u q'ed ifiequ, ta' l-Ispedizzjon ta' l-Eġittu. Hekk ukoll kien qal fil-*Malta* tad-29 ta' Jannar 1927. Biss, f'din il-Gazzetta, mal-morda ta' l-Armata ta' l-Eġittu, żied ukoll il-morda tal-Gwarniġon ta' Malta. Iżda, għal dawk il-morda ta' l-għamla li semmejna, ġiet imħollija l-Berġa ta' Kastilja, u m'hux il-Berġa ta' l-Italja, bħal ma qal is-sur Demajo. F'ta' l-Italja kienu biss igħammru l-Fizzjali tal-Gwarniġon ta' Malta. (2)

Meta l-Berġa ta' l-Italja spiċċat minn taħt idejn il-Fizzjali, ġiet magħmulha kwartier għas-Suldati, bħal x'uħud mill-Bereġ l-oħra.

Wieħed mir-Riġmenti li ġie kkwartierat fil-Berġa ta' l-Italja, kien ir-Riġment *De Roll*. Dan ir-Riġment kien imgħaqqad minn nies barranin, u l-kotra l-kbira tas-Suldati tiegħu kienu Svizzeri. (3)

F'liema sena sewwa li r-Riġment *De Roll* ġie kkwartierat ġo l-Berġa ta' l-Italja ma nafux. Biss nafu li l-ewwel darba li dana r-Riġment ġie Malta kien mal-Ispedizzjon ta' l-Eġittu, fl-1800, u kien imgħaqqad minn 543 ruħ. Iżda ma nafux jekk id-*De Roll* ġiex imniżżel l-art u kkwartierat xi mkien, fiż-żmien li l-Ispedizzjon damet f'Malta, billi ma kienx hawn

(1) H. S. Vaughan: "Notes of the earliest records of the Malta Victualling Yard."
(2) Ara Anderson, Journal of the secret Expedition in Egypt, pag. 140.
(3) Ara Wilson, British Expedition in Egypt.

wisgħa biż-żejjed għas-Suldati kollha ta' dina l-Armata. Ma dan kollu, niżel jew ma niżelx l-art, ir-Riġment *De Roll* ma ġiex sgur ikkwartierat fil-Berġa ta' l-Italja, billi dina, bħal ma għedna l-fuq, fl-1800 kienet qegħdha għall-Fizzjali biss.

Wara l-waqgħa tal-Eġittu f'idejn l-Ingliżi, ir-Riġment *De Roll* inġieb f'Malta, għax fl-1802 insibuh hawn, flimkien ma' xi Riġmenti Ngliżi u ukoll mar-Riġmenti *Watteville* u *Dillon.* Dawn ukoll kienu mgħaqqda minn nies barranin.

Fejn *De Roll* kien ikkwartierat fl-1802, ma nafux. Iżda fil-Berġa ta' l-Italja aktarx li ma kienx, billi l-Berġa ta' Kastilja ma kenitx battala biex fiha setgħu jmorru l-Fizzjali li kienu fil-Berġa ta' l-Italja. Meta l-Berġa ta' Kastilja spiċċat minn Sptar, ġiet magħmula kwartier għas-Suldati. Minn kitba li għaddiet minn taħt idejna sibna li, fl-1809, fil-Berġa Kastilja kien hemm ikkwartierat L-ewwel Battaljun tar-Riġment 27, li l-lum iġib l-isem ta' *The Royal Inniskilling Fusiliers.* Mela minn dan li għedna jidher li, sa l-1809, il-Fizzjali kien għad ma marrux f'Kastilja mill-Berġa ta' l-Italja.

Kemm sewwa sew dam f'Malta r-Riġment *DeRoll*, fit-tieni darba li ġie hawn, ma nafux. Biss nafu, li fl-1805, 6 u 7, ma kienx hawn Malta jagħmel sehem mill-Gwarniġon ta' Għiritna. U dan nafuh mill-Almanakki ta' Malta li għandna, billi dawn l-Almanakki ta' l 1805, 6 u 7 iġibu l-ismijet ta' dawk ir-Riġmenti li kienu f'Malta fis-snin li semmejna. Terġa' fl-1808 u 9, lanqas ma kien hawn, billi ma sibnihx imsemmi ma' dawk ir-Riġmenti l-oħra li ħadu sehem fil-Funeral li sar, f'Ġunju ta' l-1808, lill-Prinċep Karlu ta' Orleans, u fl-ieħor li sar lil-Gvernatur Ball, f'Ottubru ta' l-1809. Mela r-Riġ. *De Roll*, reġa ġie f'Malta, għat-tielet darba, wara dawn is-snin li semmejna.

L-ewwel darba li aħna sibna msemmi li r-Riġ. *DeRoll* ġie ikkwartierat fil-Berġa ta' l-Italja, kien fil-Ġrajja tal-Pesta ta' l-1813.

Fost kemm Suldati, Baħrin u Priġunieri tal-gwerra li kienu jinsabu f'Malta, fi żmien il-Pesta, l-ewwel ma ħadu dil-marda, kienu s-Suldati ta' *De Roll*, għalkemm dawn, bħar-Riġmenti l-oħra, kienu ħadu l-ħsieb ta' kollox biex ma jeħduhiex. Fit-28 ta' Ġunju 1813, miet Suldat minnhom, li kien ilu tlitt ijiem marid bil-Pesta, u ħadu l-mard Surġent u 5 Suldati oħra ta' l-istess Riġment. Fit-30 ta' Ġunju miet Suldat ieħor u ttieħdu 3 oħra. U hekk baqa' jiżdied il-għadd tal-morda, sa kemm laħqu 18 il-wieħed. Minnhom mietu 8. X'uħud minn dawn mietu fil-Berġa u oħrajn mietu

fl-Isptar Militari tal-Pesta, l-Furjana, fejn hemm kienu ttieħdu l-morda ta' *De Roll*.

Għal din il-biċċa, il-Militar ħa ħsieb dawn is-Suldati, billi, kif insibu f'wieħed mill-Manuskritti tal-Biblijoteka, ir-Riġ. *De Roll* tneħħa mill-Berġa ta' l-Italja, ġie meħud il-Furjana u kkwartierawh fil-Kunvent ta' l-irtir ta' San Kalċedonju, fejn, tista' tgħid, kull Suldat kellu kamra għalih.

Wara li r-Riġ. *De Roll* telaq mill-Berġa ta' l-Italja, din baqgħet battala. U sa kemm ġiet imnaddfa, tbajdet u neħħewlha t-tniġġiż tal-mard li kellha, aktarx li laħqu spiċċaw il-gwerer ta' Napuljun, u għalhekk tnaqqsu s-Suldati minn Malta. Bin-nuqqas tas-Suldati, il-Bereġ ma kienux jinħtieġu iżjed lill-Militar. Għaldakstant dan telaq il-Bereġ li kellu u irħiehom f'idejn il-Gvern Ċivil. Iżda wara xi snin, il-Militar reġa' ried x'uħud minnhom, u l-Gvern tagħna, fl-1 ta' Settembru 1824, raddlu lura l-Bereġ tal-Baviera, ta' Kastilja u ta' Franza. Il-Bereġ l-oħra baqgħu f'idejn il-Gvern Ċivil.

Fil-Berġa ta' l-Italja, fil-pjan ta' fuq, ġiet imqegħda l-Istamperija tal-Gvern, li kienet fil-Palazz, u fil-pjan t'isfel kien hemm l-Arsenal Ċivil.

Fliema sena l-Istamperija tneħħiet mill-Palazz ma sibniex. Iżda aktarx li nġarret meta l-Berġa ta' l-Italja waqgħet f'idejn il-Gvern Ċivil, billi Maitland, meta laħaq Gvernatur ta' Malta, ma ried l-ebda offiċina tal-Gvern fil-Palazz.

It-Tarznar tal-Gvern Ċivil, magħruf fostna taħt l-isem ta' *l-Fjunk*, qabel ma ġarrewh fil-Berġa ta' l-Italja, kien il-Furjana, f'dak il-bini fejn il-lum huma kkwartierati s-Suldati ta' l-Inġinieri.

Meta t-Tarznar tal-Gvern Ċivil ġie meħud mill-Furjana għal-Berġa ta' l-Italja ma nafux sewwa. Iżda dan aktarx li ġarrewh għal-bidu ta' l-1824. Għedna hekk, għax fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Lulju 1824 hemm avviż, fejn, mal-bini li l-Gvern kellu battal, jinsab ukoll, għal kiri, il-bini ta' Strada Fosse No. 1, jiġifieri d-Djar, l-Imħażen u l-Btieħi li drabijiet oħra kien fihom l-Arsenal Ċivil. U dan li għedna juri, li, it-Tarznar Ċivil, inġarr mill-Furjana għall-Berġa ta' l-Italja fiż-żmien li semmejna, billi l-ewwel darba li ħareġ l-avviż li hemm fil-Gazzetta tal-Gvern, kien fit-28 ta' Lulju 1824.

Barra milli fil-Berġa ta' l-Italja kien hemm l-Istamperija tal-Gvern, kien joqgħod ukoll is-Suprintendent tagħha, fi Strada Britannica No. 27. Mill-1827 beda joqgħod fiha, kera b'xejn, is-Suprintendent Charles Harper. Did-dar kienet tiswa £12 kera fis-sena.

Fl-1840, billi kienu jsewwu l-Qorti ta' Strada Rjali, l-Arkivju tat-Tribunali ġie meħud fil-Berġa ta' l-Italja. Il-ġarr tal-kotba sar mill l-Impjegati ta' l-Arsenal Ċivil. (1)

Fiż-żmien li qgħed insemmu, fil-Qorti ta' Strada Rjali kienu biss isiru l-kawżi taċ-Ċivil, tal-Kummerċ u ta' l-Appell. Il-kawżi tal-Kriminal, tal-Maġistrati u l-Laqgħat tal-Kummissarji għal-Fallimenti kienu għadhom isiru fil-Kistlanija fi Strada Mercanti, fejn il-lum hemm l-Uffiċċju tas-Sanità.

Fuq il-ġarr ta' l-Arkivju mill-Qorti, l-Avukati ħasbu, li dan sar għal dejjem. Għalhekk dawn, fl-21 ta' Awissu 1840 bagħtu Memorjal lill-Gvern. Fih fissru kemm kienet ta' ħsara l-firda ta' l-Arkivju mill-Qorti u l-ħtieġa li kien hemm biex il-Qrati kollha jinġabru f'banda waħda, bħal ma hekk kien isir, qabel l-1814, fil-Kistlanija ta' Strada Mercanti. U għal l-għaqda tal-Qrati kollha, l-Avukati talbu l-Berġa ta' Kastilja. Iżda għal dan il-Memorjal il-Gvern wieġeb, fl-24 ta' Awissu, li ma jidhirlux li l-Berġa ta' Kastilja kienet tajba għal-Qrati. Għarraf ukoll, li l-firda ta' l-Arkivju mill-Qorti saret għal ftit taż-żmien biss, sa kemm fil-Qorti ta' Strada Rjali tithejja kamra sewwa u kbira għal dan l-Arkivju.

Kemm damu l-kotba ta' l-Arkivju tal-Qorti fil-Berġa ta' l-Italja ma sibniex. Iżda minn kliem il-Gvern jidher, li ma damx wisq li ma reġgħux ġarrewhom lejn il-Qorti.

Mill-Gwida ta' Quintana, li l-Ewwel Taqsima tagħha ħarġet f'Ottubru ta' l-1844, nieħdu, li, għalkemm Charles Harper kien ilu li spiċċa minn Suprintendent ta' l-Istamperija u laħaq Maġistrat tal-Pulizija, kien għadu joqgħod fil-bini tal-Berġa ta' l-Italja. Sa l-1859 kien għadu joqgħod hemm.

F'dil-Gwida nsibu wkoll, li, f'wieħed mill l-appartamenti ta' fuq tal-Berġa ta' l-Italja, kien hemm il-Gabinetto di Pittura ta' Ġużè Hyzler. Dan kien imsemmi bħala wieħed mill-l-aqwa Pitturi Maltin. Qabel, l-Istudju ta' Hyzler, sa l-1830, kien għadu fi Strada Levante.

Kemm dam Hyzler fil-Berġa ta' l-Italja ma nafux. Iżda kif insibu f'Almanakk ta' Malta ta' l-1855 Hyzler ma kienx għadu fil-Berġa ta' l-Italja, imma kien fi Strada Sant'Ursola, No. 6.

Fl-1848, il-Gvernatur O'Ferrall qata' li jbiddel il-post tad-Dipartimenti. Wieħed minn dawn li tneħħew u nġarrew lejn il-Palazz, kienet l-Istamperija tal-Gvern. Din l-Istamperija,

(1) Ara l-Portafoglio Maltese ta' l-10, tas-17 ta' Awissu u tas-7 ta' Settembru 1840, u l-Mediterraneo tas-26 ta' Awissu 1840.

fil-bidu ta' Lulju 1848, tneħħiet mill-Berġa ta' l-Italja u ttieħdet il-Palazz, fejn hemm għadha sal-lum. In-nefqa li saret biex hejjew il-post il-ġdid u l-ġarr ta' l-Istamperija, laħqet £49 17 0.

Billi d-dar ta' fejn kienet l-Istamperija tbattlet, il-Gvern ried li jiġbor flimkien l-Attijiet tan-Nutari l-mejta u jqegħidhom fiha. Għalhekk, b'Notifikazzjoni tas-16 ta' Ġunju 1849, ġiet imhejjija Ordinanza biex l-Arkivju Notarili ta' l-Imdina jiġi magħluq, u l-kotba meħuda fl-Arkivju Notarili tal-Belt.

L-Arkivju ta' l-Imdina kien fil-Banka Giuratili, u tal-Belt kien fi Strada Mercanti, fejn hemm l-Insinwa l-lum, li dari wkoll kienet il-Banka tal-Ġurati ta' l-Ibliet.

Meta din l-biċċa ġiet quddiem il-Kunsill, il-Gvernatur għarraf, li l-Arkivju ta' l-Atti tan-Nutari l-mejta, sew dak ta' l-Imdina, kemm ukoll dak tal-Belt, ser jitneħħew minn fejn huma, jinġabru flimkien u jitqiegħdu fil-pjan ta' fuq tal-Berġa ta' l-Italja, flok fejn kienet l-Istamperija.

Għal dina l-ħatra tal-post li semmejna, in-Nutari għamlu Memorjal lill-Gvern,fejn għarrfuh li l-post li għażel huwa bilbosta agħar mill-post ta' fejn kienu miżmuma. Għalhekk talbuh li l-Arkivju jħallih fejn hu u jkabbar il-post. Iżda l-Gvernatur ma tax widen għat-talba tagħhom, għax ġiegħel li jhejju d-dar ta' Strada Brittannica biex fiha jinġabar l-Arkivju. (1)

Fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Ottubru 1849 insibu li kien jinħtieġ li jintefqu £75 ħalli jġeddu t-taraġ fil-Berġa ta' l-Italja, u b'hekk wieħed kien ikun jista' jitla', b'inqas tbatija, għall-Arkivju. Wara din-nefqa, saru xi nefqiet oħra żgħar fil-Berġa, iżda aħna, għall-qosor, ma nsemmuhomx.

Fil-Kunsill tal-Gvern, li sar fis-6 ta' Mejju 1852, ġiet imgħoddija n-nefqa ta' £50, biex tliet kmamar mill-Berġa ta' l-Italja jagħmluhom Officċju għall-Ispettur tal-Ħabsijiet u tal-Karità. Barra minn hekk, tliet remissi minn ta' Strada Zaccaria kellhom ukoll iniffduhom ma l-Arsenal Ċivil, biex fihom kienu jistgħu jqegħdu xi materjal. (2)

L-Uffiċċju tal-Kumitat ta' l-Istituzjonijiet tal-Karità, kif insibu msemmi fil-"Portafoglio Maltese" tal-14 ta' Ġunju 1856, ġie mneħħi mill-Berġa ta' l-Italja. Floku tqiegħed l-Uffiċċju tal-Kuntrellur tal-Kuntratti, billi dan tneħħa u nġarr mill-Furjana, fejn kien qabel.

Fl-1859, l-Arsenal Ċivil ġie mneħħi mill-Berġa ta' l-Italja u meħud f'band'oħra. Għaldaqstant, il-Berġa baqgħet battala.

(1) Ara "Il Mediterraneo" tal-11 ta' Lulju 1849.
(2) "Portafoglio Maltese" tal-13 ta' Mejju 1852.

Il-Militar riedha f'idejh. U, kif insibu fil-*Malta Times* tat-22 ta' Settembru 1859, il-Gvern tagħna taha lid-Dipartiment ta' l-Inġinieri. Il-Militar ħadha fl-1 ta' Lulju 1859 bi ftehim, li meta ma jkollux iżjed x'janbiha, jerġa' jatiha lura f'idejn il-Gvern tagħna.

Mal-Berġa, il-Militar ha wkoll ħames Imħażen fi Strada Britannica (Nri. 96, 97, 98, 99 u 100) u żewġ Imħażen fi Strada San Marco (Nri. 27 u 28). Ta' kollox ta, lill-Gvern tagħna, ħames Imħażen fix-Xatt, igħidulhom *ta' Pintu*. Dawn kienu minn dawk l-erbatax il-Maħżen li l-istess Militar kien ħa b'xejn, minn għand il-Gvern tagħna, fl-1 ta' Jannar 1829.

Fil-Berġa ta' l-Italja, l-Inġinieri ġarrew it-Tarznar tagħhom. Mill-Berġa kollha, baqa' biss, f'idejn il-Gvern tagħna, l-pjan ta' fuq, fejn hemm l-Arkivju tan-Nutari.

F'dana l-Arkivju saret Ġrajja tal-biża', u li min għamilha sal-lum għadu ma nqabadx. Fit-3 ta' Marzu 1883, li kien jum tas-Sibt, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs inhar, waqt li l-Arkivista Nutar Gera kien qe'd jaqdi dmiru fil-kamra ta' ġewwa, lemaħ id-duħħan fil-kamra ta' barra ta' l-Arkivju. Mar jiġri biex jara x'ġara. Jilmaħ raġel ħafi milwi fl-art, u b'wiċċu mgħotti b'velu iswed, biex hu jara u lilu ma jagħirfuhx. F'idu l-waħda kellu flixkun pitrolju u fl-oħra sikkina. Mill-flixkun tefa l-pitrolju ġo biqja, taha n-nar u qegħdha taħt waħda mill-Libreriji biex iqabbad l-Arkivju. Meta n-Nutar Gera staqsieh xinhu jagħmel hemm, l-ieħor, bi tweġiba, urieh is-sikkina u heddu biha li joqtlu kemm-il-darba jiċċaqlaq. Iżda s-Sur Gera ma beżgħax mittheddid, inxteħed fuqu biex ma jħalliehx jaħraq l-Arkivju. Tqabdu bis-sħiħ. Iżda l-imsejken ta' Gera qala' seba' daqqiet ta' sikkina f'wiċċu, f'għonqu u f'sidru. Ir-raġel irnexxielu li jeħles minn taħt idejn Gera u telaq jiġri. Gera bil-ġrieħi kollha li kellu, l-ewwel ma għamel mar jitfi n-nar, imbagħad beda jsejjaħ l-għajnuna. Imma, b'xorti kbira, il-ġrieħi li kellu s-sur Gera ma kienux kbar.

Dina l-biċċa qajmet agħa kbira, u bosta kienu li ħasbu, li dak ir-raġel kien mixtri minn xi ħadd biex jaħraq xi kuntratti li kienu ta' ħsara għal min qabbdu.

Il-Berġa ta' l-Italja damet f'idejn il-Militar sa ftit qabel il-Kostituzzjoni ta' l-1921. Imbagħad ġiet mitluqa f'idejn il-Gvern tagħna. Fiha saret wirja ta' dawk il-ħwejjeġ li kellhom jinbagħtu l-Ingilterra, fl-Esposizzjoni ta' Wembley. Wara għamluha Mużew tal-Ġens Malti, bħal ma hekk għadha sal-lum.

**Ġużè Gatt.**